MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Numru. 1108/2008

**Il-Pulizija**

**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Victor (Joseph Victor) Buttigieg, iben Anthony u Emanuela Zammit, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' Settembru, 1972, residenti numru 127, Casa Buttigieg, Triq tal-Labour, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 474072M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Victor (Joseph Victor) Buttigieg** li gie akkuzat talli nhar l-10 ta’ Novembru, 2008 u s-seba’ xhur qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c. U aktar talli fl-istess lok, jum, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga methadone, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif

provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

e. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu nhar id-9 ta' Lulju, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D.

Rat illi fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jimxu bhala Qorti Istruttorja (folio 20) – dan in konfirmita' mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali issa baghat il-Kontro Ordni taht l-imsemmi Kapitolu, folio 458.

Semghet u rat il-provi kollha. Senjalament ezaminat bir-reqqa l-provi lilha prodotti.

Xehed l-**<u>Ufficjal Prosekutur dak iz-zmien l-Ispettur Stephen Gatt</u>**. Beda billi xehed illi kien anke rcieva stqarrijiet guramentati fil-konfront ta' investigazzjonijiet u osservazzjonijiet li saru fil-konfront ta' Victor Buttigieg, detto s-Sensar.

Qal illi diversi pulizija raw xi nies hergin mid-dar ta' Victor Buttigieg f'Casa Naxxar, Triq il-Labour, Naxxar. Rawhom jirkbu go karozza bin-numru tar-registrazzjoni LQZ142 Hyundai Getz safra li saq l-istess Victor Buttigieg lejn il-pjazza tan-Naxxar. Kompla jixhed l-Ispettur Gatt fuq dak illi **<u>raw</u>** il-pulizija li kienu nvoluti fl-investigazzjoni. Qal illi fil-hin tal-arrest - ghax Buttigieg gie fil-fatt arrestat, huwa kellu fuqu disa' (9) qratas li tmienja (8) minnhom kienu fil-foil u wahda (1) kienet f'sachet trasparenti suspettata eroina. Qal ukoll illi x-xufier tal-vettura rrizulta li kien certu Joseph Bugeja mis-Siggiewi li gie arrestat ukoll. Zied illi fil-vettura nstabet ukoll garbage bag sewda li kien fiha zibel u affarijiet intimi, kif ukoll foil mahruq b'indikazzjonii ta' eroina mahruqa. Instabu anke karti bojod rigati bl-iswed, karti mibrumin. Zied illi fuq il-persuna ta' Joseph Bugeja nstab ukoll pakkett tas-sigaretti li go fih dan il-pakkett kien hemm foil imrembel f'forma ta' pipa mcappas b'sustanza suspettata eroina. Xehed illi nstab fl-istess pakkett sigarett qartas tal-plastic li fih kien hemm trab kannella ndikat ukoll bhala eroina.

Xehed ukoll dwar tfittxija li saret fir-residenza ta' Buttigieg minn fejn fil-kamra tas-sodda tieghu gew elevati karti bojod bil-linji suwed. Instab ukoll foil imbembel; SIM card; tminn (8) boroz trasparenti tal-plastic; u zewg (2) rollijiet tal-kartun li maghhom kien imgezwer l-aluminium foil. Qal ukoll illi fuq il-persuna ta' Buttigieg instabet wallet li kellha fiha s-somma

ta’ elf tminn mija u sebghin Ewro (€1,870). Ezebixxa pero s-somma ta’ elf tminn mija u hamsin Ewro (€1,850) stante li Buttigieg inghata ghoxrin Ewro (€20) biex kollu vista’ ma’ Dr Zammit Montebello biex ikun jista’ jikkalma. Qal illi kellmu wara li tah is-solita twissija. Ghalhekk ezebixxa l-istqarrija tieghu bhala Dok SG13.

Ezebixxa wkoll Dok SG – zewg rollijiet aluminium foil; Dok SG1 – bott tal-plastic abjad illi fih disa’ (9) qratas tad-droga, wahda minnhom qartas tal-plastic; Dok SG2 – karti bojod irrigati bl-iswed illi fuqhom kellhom kliem ‘*Clinical notes. Each entry must be signed.*’; Dok SG3 – borza tal-plastic li kien fiha boroz trasparenti, foil mahruq, karti bojod rigati bl-iswed u parti minn riferta; Dok SG4 – flus fis-somma ta’ elf tminn mija u hamsin Ewro (€1,850) fi tlettax(13)-il karta tal-hamsin Ewro (€50), hamsa u tletin (35) karta tal-ghoxrin Ewro (€20), tlieta u erbghin (43) karta tal-ghaxar Ewro (€10) u erbatax(14)-il karta tal-hames Ewro (€5); Dok SG5 – vazett tal-marka Barilla tal-hgieg trasparenti li kien fih likwidu ahdar li skont ….methadone li gie moghti minn jeddu minn Buttigieg; Dok SG6 – mobile phone Samsung u SIM card; Dok SG7 – boroz tal-plastic trasparenti; Dok SG8 – SIM card; Dok SG9 – foil mibrum imcappas bl-eroina; Dok SG10 – pakkett sigaretti li fih foil u qratas; Dok SG11 – mobile phone tal-ghamla Nokia u SIM card; Dok SG12 – tliet (3) ritratti.

Fuq tali ezebiti, il-Qorti ghaddiet biex tahtar lill-**<u>Ispizjar Mario Mifsud</u>** biex jezamina d-dokumenti gia’ msemmija relatati mad-droga - vizzju, u abbuz taghha. Gie mahtur ukoll l-Ispizjar biex jaghmel *mechanical fit* bejn l-aluminium foil kull fejn jokkorri u l-karti bil-linji skuri.

Gie anke mahtur **Dr Martin Bajada** biex jaghmel l-analizi fuq ic-cellulari u SIM cards ezebiti.

Qabel il-Qorti ma tghaddi biex tezamina x-xhieda prodotta, ser taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet.

Fl-ewwel lok l-**Ispizjar Mario Mifsud**, kif nominat, kien f'din l-Istruttorja ikkonkluda s-segwenti in esekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti. Ghalhekk fid-dokument Dok MM a folio 306, ikkonkluda:

a. "*Illi l-ezamijiet ghall-presenza ta' mechanical fit bejn il-bicciet ta' karti tal-qratas li kien hemm fid-dokument 081/91/01, il-bicciet tal-karti li kien hemm fid-dokument 081/09/03 u l-faccati tal-karti li kien hemm fid-dokument 081/09/02 taw kollha rizultat fin-negattiv. Gie nnutat illi l-bicciet tal-karti tal-qratas li kien hemm fid-dokument 081/090/01 kienu simili ghall-faccati tal-karti tal-Mater Dei Hospital – Clinical Notes', li kien hemm fid-dokument 081/09/02;*

b. *Illi l-ezamijiet ghall-presenza ta' mechanical fit bejn il-bicciet tal-foil li kien hemm mal-karti tal-qratas fid-dokument 081/09/01, il-bicciet tal-foil li kien hemm fid-dokument 081/09/03 u l-bicciet tal-foil li kien hemm fid-dokument 081/09/06 u 081/09/07 rispettivament taw rizultati fin-negattiv;*

c. *Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq erba' bicciet ta' foil b'ticpis iswed u kannella li kien hemm fid-dokument 081/09/03;*

d. *Illi l-likwidu hadrani li kien hemm fid-dokument 081/09/04, f'ammont ta' 118ml instabet fih is*-sustanza *Methadone hydrochloride. Id-doza tal-likwidu hadrani ghall-Methadone hydrochloride kienet ta' circa 1mg per ml. Il-Methadone hydrochloride tigi moghtija lil dawk bil-vizzju tad-droga Herojina u d-doza li tigi wzata kuljum hija ta' bejn 40 sa 60 mg. Dan il-fatt jista' jindika li l-ammont misjub ta' Methadone hydrochloride kien ekwivalenti ghal zewg jew tliet dozi li jigi moghti Heroin Drug Addict kuljum. Is-sustanza Methadone Hydrochloride, illi hija narcotic analgesic, hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta;*

e. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq zewg bicciet tal-foil irrumblati li kien hemm fid-dokumenti 081/09/06 u 081/09/07 rispettivament;*

f. *Illi fit-trab il-kannella li kien hemm fi tminn (8) qratas tal-karti u f'borza zghira tal*-plastic *fid-dokument 081/09/01 u t-trab il-kannella li kien hemm f'borza zghira tal-plastic fid-dokument 081/09/07, f'ammont nett totali ta' 1.981 grammi, instabet fihom is*-sustanza *Herojina. Il-purita' medja tat*-trab *kannella, li kien hemm fid-dokumenti 081/09/01 u 081/09/07 rispettivament, ghas-sustanza Herojina kienet ta' circa 48.2%. Is-sustanza tal-Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Minn naha tieghu **Dr Martin Bajada** ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MB .

Dwar l-istqarrija ezebita mill-Ufficjal Prosekutur, jinghad illi tali stqarrija ttiehdet minghajr l-assistenza ta' konsulenza legali - fil-fatt fis-sena 2008, meta dan il-principju, ghalkemm gia' dibattut, ma kinx jaghmel parti mir-regime legali taghna. B'dan kollu l-izviluppi li saru f'dan il-kamp mill-Qrati taghna jippermettu dawn il-principji li l-istqarrija hekk mehuda tigi kkunsidrata bhala ammissibbli u valida f'dawn l-atti. Senjalament dwar dan, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila**" tal-20 ta' Gunju, 2014, dwar il-vulnerabbilita' ta' persuna nvestigata, fejn intqal hekk:

"*Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:*

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad Drittijiet tal- Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:*

*“. . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.”*

*Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja’ kellha okkażjoni illi tosserva, din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta’ għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta’ difiża lill-akkużat:*

*dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogate tkun ingħatat b’għażla ħielsa, b’għarfien tal-jedd li jibqa’ sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b’xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta’ avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f’pożizzjoni ta’ vulnerabilita, djgħufija jew biża’ illi l-esperjenza ta’ interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta’ avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita’ ħati ma jkunx.”*

Harsa lejn il-fedina penali ta’ Victor Buttigieg, ezebita fil-prezentata fit-12 ta’ Novembru, 2008, turi gia’ konoxxenza

kriminali, aktar u aktar fid-dinja tad-droga – ghalhekk certament u bla dubbju, din il-Qorti ma tqisx illi Buttigieg kien vulnerabbli fi zmien tar-rilaxx tal-istqarrija, u ghalhekk hija wahda ammissibbli.

In linea ma’ dak gia’ stabbilit fuq l-ammissibilita’ tal-istqarrija, PS 365 Alan Calleja xehed dwar il-fatt illi l-istqarrija mehuda saret wara li Victor Buttigieg inghata s-solita twissija dwar id-dritt illi ma jwegibx, u li Buttigieg ghazel illi ma jiffirmax l-istess.

Minn ezami tal-istqarrija jirrizulta li qal fl-istess illi hu kellu l-flus fuqu ghax ried ihallas ic-citazzjonijiet tal-karozza, u li tatu l-flus ommu. Innega li l-baskett li nstab gol-Peugeot - skondtu mikrija lil Joseph Bugeja, kien tieghu. Zied illi ma kinx jaf anzi minn fejn gie.

Meta wiegeb, u fejn ghazel illi jwiegeb, qal illi d-droga mehuda kienet ghall-uzu personali tieghu. Innega li t-tminn (8) qratas kienu tieghu, qal illi dawn kienu fil-karozza u hadhom ghall-uzu personali tieghu. Innega li l-flus misjuba fuqu kienu provenjenti mill-bejgh tad-droga, innega li l-gurnata ta’ qabel kien biegh l-eroina, jew li l-gurnata ta’ qabel dik jew matul granet precedenti. Innega li l-bejgh ukoll matul xhur qabel.

Dwar boroz trasparenti misjuba, wiegeb illi dawk kienu tuzahom ommu. Qal illi l-mazz karti rrigati misjuba kienu tal-gharusa tieghu li xogholha kien ta’ nurse.

Qal illi l-eroina kien igibha minghand xi hadd mill-Qrendi jew l-Imqabba; illi kien imur hdejn it-Toyota f’Haz Zebbug. Dan kien jaghtihielu bid-dejn u kien ihallas tnejn u hamsin Ewro (€52) kull gramma, li kien ihobb jaghmilhom pakketti biex ma

jihux minn borza bla kalkolu. Gramma qal illi kienet isservieh gurnata. Qatt illi ma kellu problemi ta' flus. Ikkonferma li d-djarji blu u ahmar elevati mid-dar kienu tieghu, illi l-mobile Samsung kien tieghu, pero ma kinx jaf jirrispondi dwar il-card.

Jirrizulta wkoll mill-ezami tal-atti, illi gew prezentati xhieda guramentata ta' Anton Depasquale, John Agius, u Joseph Bugeja.

In kwantu tali xhieda hija wahda mehuda ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li kjarament mid-dicitura tieghu jidderoga mill-principji stabbiliti fl-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' dwar l-istqarrijiet mhux tal-akkuzat innifsu, b'dan pero li kjarament mill-kelma tal-Ligi nnifisha, cioe' l-Artikolu msemmi, xorta jrid dan jittiehed in kawtela fejn si tratta ta' komplici u multo magis ta' ko-akkuzati. Jibqghu dejjem ukoll vigenti d-drittijiet tad-Difiza li tezamina dak ix-xhud li jkun irrilaxxa tali stqarrija guramentata fejn ma hemm ebda ostakolu vera serju u nsormontabbli bhall-mewt, li dan jigi migjub ghal tali ezami.

Dan huwa principju ben stabbilit mill-Qrati taghna, cioe' li d-Difiza ghandha dejjem id-dritt sagrosant illi tikkontroezamina kull xhud imressaq mill-Prosekuzzjoni – agir mod ieher ma jista' xejn hlief jikkrea pregudizzju kbir jekk mhux addirittura ngustizzja grossolana a pregudizzju tal-akkuzat, b'mod partikolari fir-reati ta' droga in ezami stante l-uzu tal-istqarrija guramentata. Del resto, din id-droga ghall-Artikolu 661 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tant hija eccezzjonali li tinsab biss f'dan il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-26 ta' Mejju, 2013 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Pierre Gravina", qalet hekk dwar dan:

"*......meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.*"

Ikkunsidrat:

L-ewwel xhud migjub li gguramenta l-istqarrija huwa certu **John Agius**. A priori xehed illi l-proceduri migjuba kontra tieghu (dawk relatati mal-kaz in ezami ovvjament), kienu gew determinati. Qal bil-gurament quddiem din il-Qorti kif preseduta, illi kien qieghed jikkonferma dak illi qal bil-gurament fl-istqarrija hekk mehuda. Anke kkonferma li l-Magistrat Sedenti li hu kien f'tali stqarrija guramentata jirreferi ghall-imputat Victor Buttigieg.

Qal illi fil-lejl ta' qabel il-pulizija kienu sabulu qartas tal-karti bi trab kannella fih. Dan fil-lejl kien tal-24. Qal illi sabulu wkoll mgharfa bi tracci ta' hruq fuqha. Qal illi dawk kienu tieghu u li l-kontenut tal-qartas kien droga eroina. Zied illi dak il-qartas kien ta ghoxrin Ewro (€20) lil certu Victor jghidulu s-Sensar; kif ukoll illi minghandu kien ilu jixtri erba' (4) xhur. Qal ukoll illi fl-ahhar xahar kien qed jixtri qartas kuljum ta' ghoxrin Ewro (€20) minghand dan Victor is-Sensar u li minghandu kien jixtri biss eroina. Iddeskriva lil dan bhala wiehed qasir, xaghru sewda, u li ma kinx jahdem; kif ukoll illi kien icempillu fuq ic-cellulari tieghu li kien igib in-numru 99852202, u li kien jaqdieh mid-dar.

Zied illi dejjem xtara minghand dan Victor u li kien jiltaqa' mieghu barra d-dar ta' Victor stess. Spjega li sar jaf lil dan Victor ghax qalulu bih in-nies tan-Naxxar.

Muri ritratt black and white, identifika lill-istess bhala Victor is-Sensar (vide folio 75 fl-atti tal-Istqarrija Guramentata), il-persuna li minghandu kien jixtri d-droga. Ikkonferma wkoll illi hu kien lest li jiddeponi fil-Qorti dwar dan. Ikkonferma li droga kien jixtri biss minghand dan Victor, kif ukoll illi ma' dak li qal fl-istess Stqarrija Guramentata ma kellu xejn aktar x'izid. Ikkonferma li r-ritratt ta' Victor is-Sensar kien fil-fatt tal-imputat prezenti fl-Awla.

Giet prezentata wkoll l-istqarrija guramentata ta' certu Joseph Bugeja – dan aktar tard fil-proceduri ghazel anke li jiddeponi u kkonferma l-istess stqarrija, nonostante li l-proceduri tieghu kienu ghadhom pendenti.

Issa qabel il-Qorti ma tghaddi biex ukoll tezamina s-sustanza tax-xhieda tieghu, ghandu jigi precizat illi *a priori* l-Qorti kienet staqsiet lil dan Joseph Bugeja jekk il-kawza tieghu, hekk relatata, kinitx ghaddiet in gudikat. Dan wiegeb fin-negattiv, pero xorta ghazel illi jiddeponi.

Qatt ma gew pero prezentati Lilha, jew indikati lill-Qorti x'kienu l-akkuzi li bihom kien akkuzat dan Joseph Bugeja li mill-ezami tal-provi jidher illi fil-fatt inqabad mill-Ufficjal Prosekutur fil-vettura fin-Naxxar, isuq il-vettura gia' msemmija u fil-presenza tad-droga.

Issa l-Qorti, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni mill-Prosekuzzjoni jew ezebizzjoni tal-akkuzi migjuba, ma tafx jekk dan Bugeja gix fil-fatt addebitat l-akkuzi moghtija lil Victor Buttigieg in ezami, ghalhekk tinsab fid-dubju jekk dan, fl-aghar ipotesi, ghandux jigi trattat ta' ko-akkuzat. Dan jinghad ukoll tenut kont tal-fatt illi l-basket misjub fil-vettura li fil-hin tal-arrest kien qieghed isuq Bugeja, instab il-basket l-iswed ezaminat; kif ukoll illi dan l-istess Bugeja, anke jekk hu jghid biex jaghmel qadja lil Buttigieg, ha d-droga lil certu wiehed Mario, u kien anke fir-residenza ta' Buttigieg. Instabet xi sustanza.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna – bhal dik misjuba fis-sentenza fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew John Migneco*" datata 8 ta' April, 2010 (Att ta' Akkuza 05/2009), fejn il-Qorti, in ezami tal-validita' tal-istqarrijiet, mehuda ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif gie espost qalet, pero hawn b'referenza ghall-ammissibilita' ta' persuna meqjusa bhala ko-akkuzat, kif gej:

"*S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici*

*Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikoli 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere (bhalma hi dik a fol. 137 sa 144) tista' tingieb bhala prova, u mhux semplicement ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce...hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646). Mill-attijiet ta' l-istruttorja (fil-konfront ta' l-akkuzat Migneco) ma jirrizultax li dana Rizzo hu inammissibbli ghal xi raguni kontemplata fil-ligi, anqas li hu "ko-akkuzat" fis-sens kif il-gurisprudenza interpretat a contrario sensu l-Artikolu 636(b) tal-imsemmi Kap. 9. F'kaz li, fil-kors tal-guri kontra l-akkuzat Migneco, dana Rizzo jkun ghadu hekk "ko-akkuzat", allura huwa ma jkunx ammissibbli bhala xhud u anqas id-deposizzjoni tieghu hawn aktar 'l fuq imsemmija ma tkun hekk ammissibbli.*"

Fuq tali insejmanent u principji legali ben stabbiliti fl-Artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gia' hawn fuq riferuti, il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi salv prova ohra a kuntrarju, Bugeja ghandu jitqies bhala ko-akkuzat, u kwalunkwe xhieda u deposizzjoni tieghu bhala inammissibbli ghandha tigi skartata.

Ingab ukoll jixhed mill-Prosekuzzjoni certu **Andrew Depasquale**. Dan xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Giet pero prezentata stqarrija guramentata tieghu, illi hu anke ghazel illi jikkonferma.

Ikkonferma dan Depasquale illi hu kien dakinhar illi waqqfuh il-pulizija mar hdejn Villa Mdina bil-karozza tieghu Peugeot 206 YUP201 ta' lewn celest, biex jiltaqa' ma' ragel illi ma kinx jaf x'jismu, imma kienu jghidulu s-Sensar. Cempillu mic-cellulari tieghu 9921179 fuq in-numru 99852202. Qal illi fuqu kellu ghoxrin Ewro (€20) u li meta wasal fit-triq fejn joqghod dan, hu – cioe' s-Sensar, hareg mid-dar tieghu, illi tigi kif titla' t-telgha tan-Naxxar fuq il-lemin. Xehed illi tah ghoxrin Ewro (€20), karta shiha. Qal illi wara li waqqfuh il-pulizija, anke wara li pprova jaharbilhom, qal illi hu ma kinx xtara eroina jew droga ohra minghand is-Sensar, kien pero b'dik l-ghoxrin Ewro (€20) hallas id-dejn li kellu fuq l-eroina. Zied illi kien ilu jixtri minghand is-Sensar ghal dawn l-ahhar erba' (4) xhur, illi kien hemm granet fejn xtara kuljum. Gharaf fuq sett ritratti lil dik il-persuna li l-gurnata ta' qabel (stante li hawn kien qieghed jikkonferma l-Istqarrija Guramentata), kien taha ghoxrin Ewro (€20). Ikkonferma li kien jixtri l-eroina dejjem minghand din il-persuna, li kien cert minn dan.

Spjega illi hu kien jixtri pakkett ta' ghoxrin Ewro (€20) u li kien iservieh ghal darba, darbtejn. Mistoqsi kemm-il darba xtara minghand is-Sensar, wiegeb madwar erbghin (40) darba, illi kien imur hdejn il-bieb tieghu biex jinqeda. Gharaf fl-Awla bhala l-imputat il-persuna li kien qieghed jirreferi ghaliha bhala s-Sensar.

Certu **Manuel Muscat** xehed illi hu kien gie arrestat ghax kien inqabad b'pakkett eroina, hawn kien ma' habib tieghu

certu Patrick Muscat. Xehed illi kien xtara l-eroina minn Naxxar minghand certu wiehed Victor illi gharaf fl-Awla bhala l-imputat. Qal illi dakinhar li gew arrestati, hu u Muscat xtraw zewg (2) pakketti ta' ghoxrin Ewro (€20)-il wiehed, wiehed punt hamsa (1.5) grammi. Xehed illi kien xtara darbtejn(2) jew tliet(3) darbiet qabel minghand Buttigieg, dejjem pakkett eroina, u kull darba hallas ghoxrin Ewro (€20)-il qartas.

Qal illi kienu jitkellmu - hu u l-imputat, li jekk kien ikollu bzonn l-eroina, dan kien ikollu u ghalhekk spicca xtara mingandu. Dwar il-*modus* tax-xiri, qal illi kien icempillu u jitla' n-Naxxar u kien jiltaqa' mieghu hdejn it-Trade Fair in-Naxxar

**<u>Patrick Muscat</u>** minn naha tieghu kkonferma li xhur qabel il-pulizija kienu qabdu lilu u lil Manuel Muscat bid-droga, qabduhom il-Mosta. Lilu sabulu zewg (2) pakketti eroina li huma kienu xtraw minghand Victor. Qal illi nqabdu nofs siegha wara li kienu xtraw id-droga. Indika lill-imputat bhala Victor illi xtraw minghandu, u zied illi kien hekk xtara minghand Victor xi tliet (3) darbiet. Kien ihallas ghoxrin Ewro (€20)-il pakkett eroina. Qal illi kien icempel lil dan Victor. Semma n-numru 99820, pero zied illi ma kinx jaf ta' min hu. Qal illi xtara minghand Victor tliet (3) darbiet; illi kien jiltaqa' mieghu n-Naxxar fejn it-Trade Fair. Jghid illi qabel ma nqabad mill-pulizija kien ilu xi xahar(1) jixtri minghand Victor.

Ovvjament, xehdu wkoll il-pulizija li kienu b'xi mod jew iehor involuti f'din l-operazzjoni.

**PS 396 Saviour Baldacchino** xehed dwar l-osservazzjoni li flimkien ma' ufficjali tal-pulizija shabu, wettaq fuq l-imputat. Ezegwixxa wkoll mandat ta' tfittxija u arrest fuq l-imputat. Qal illi wara diversi sieghat ta' osservazzjoni raw il-karozza tal-imputat Hyundai Getz LQZ142 ticcaqlaq mir-residenza tieghu gewwa Labour Avenue u titla' lejn il-Knisja.

Qal illi ma kinx qed isuq Buttigieg imma persuna ohra. Xehed illi Buttigieg meta wasal hdejn il-Bank of Valletta beda miexi lejn id-direzzjoni tal-Knisja. Gie arrestat Joseph Bugeja li kien qieghed isuq il-karozza. Saret tfittxija wkoll fir-residenza ta' Buttigieg – f'din kien involut ix-xhud. Waqt din is-search xehed illi kienu hu u PC 213 u PC 1086. Zied illi fil-presenza tal-imputat instabu diaries, xi karti maqtughin, pipa li tintuza ghall-abbuz ta' droga. Spjega li l-pipa kienet foil imdawwar, uzata bhala pipa. Instab anke vazett fil-fridge illi kellu fih il-methadone. Qal illi apparti ghall-methadone, l-affarijiet l-ohra nstabu fil-kamra tieghu, cioe' tal-imputat.

**PS 1086 Johann Micallef** minn naha tieghu zied dwar l-osservazzjoni riferuta li meta Victor Buttigieg hareg mir-residenza tieghu kellu f'idejh bott abjad illi kien fih xi qratas tal-karti u kantuniera ta' borza bi trab kannella suspettata eroina. Kellu wkoll fuq il-persuna tieghu wallet bi flus u mobile cellulari. Meta marru d-dar tieghu fil-kamra tieghu xehed illi nstabu xi karti maqtugha, u zewg diaries. Qal ukoll illi kien hemm bicca foil imrembla, uzata bhala pipa. Anke xehed dwar il-fatt illi mill-fridge Buttigieg ta lil PS 396 bott b'likwidu ahdar – methadone. Xehed illi meta hareg mid-dar kien Joseph Bugeja li kien qieghed isuq, waqfu f'hanut hdejn il-Knisja tan-Naxxar, u Buttigieg skondtu dahal go garaxx. Qal illi Buttigieg sablu l-bott bid-droga go hanut taz-zraben hdejn il-Bank of Valletta tan-Naxxar. Spjega li fejn inqabad

Buttigieg, fil-vicinanzi kien hemm kazini u anke bandli. Qal illi Buttigieg kien qallhom illi dak misjub ma kinx tieghu.

**PC 213 Nicolai Borg** da parti tieghu xehed illi Victor Buttigieg hareg mir-residenza tieghu ghall-habta ta' 12.30pm, flimkien ma' haddiehor. Anke hu kien involut fl-osservazzjoni. Rikbu go vettura Hyundai Getz safra, segwewhom lejn il-pjazza tan-Naxxar. Qal illi segwewhom flimkien ma' pulizija ohra. Ra lil Buttigieg jinzel minn gol-vettura u l-passiggier Bugeja mar fuq in-naha tax-xufier u saq il-vettura. Qal illi fuq Buttigieg saret tfittxija u nstabu disa' (9) qratas suspettati bl-eroina. Kien dan ix-xhud illi waqqaf lil Bugeja u li ghamel tfittxija fil-vettura fejn gie elevat pakkett tas-sigaretti li go fih kien hemm pipa tal-foil u borza bi trab kannella suspettata eroina. Xehed illi kien hemm ukoll garbage bag bil-hmieg - go fiha nstabu xi kantunieri tal-boroz, karti, foil mahruq, kif ukoll riferta mqatta' li kienet issejjah lil Victor Buttigieg.

Assista wkoll ghal tfittxija li saret fid-dar ta' Buttigieg, anke dan xehed illi fil-kamra tieghu nstabu kantunieri ta' boroz imqattghin u karti; anke li minn jeddu tahom flixkun mill-fridge bil-methadone.

**WPC 86 Diane Fenech** ukoll xehdet dwar it-tfittxija li saret fir-residenza ta' Buttigieg - is-Sensar illi wkoll gharfet fl-Awla. Qalet illi t-tfittxija li ghamlet fil-kamra ta' ommu u missieru rrizultat fin-negattiv.

**PC 777 Chris Ebejer** xehed dwar il-fatt illi gie mwaqqaf Victor Buttigieg fin-Naxxar. Ikkonferma li kellu fuqu bott

abjad zghir illi kien fih tminn (8) sachets tal-foil zghar bl-eroina u sachet tal-plastic ohra suspetatta eroina. Ikkonferma li hu kien ra l-kontenut tal-bott misjub ghand Buttigieg.

**PC 404 Paul Camilleri** kkonferma tliet (3) ritratti li hu gibed tal-Hyundai Getz safra, Dok SG 12 a folio 33.

**PC 1183 Oliver Borg** u **WPS 120 Caroline Marmara** rispettivament ikkonfermaw l-istqarrijiet ta' John Agius.

Il-**Perit Valerio Schembri** mahtur f'din l-Istruttorja appozitament, prezentat r-relazzjoni tieghu bhala Dok VS fejn ikkonkluda hekk:

"***Il-Qasam tal-Museum tas-Subien tan-Naxxar u l-Playing Field gewwa Labour Avenue, Naxxar, jaqghu fid-distanza ta' mitt metru mill-hanut bl-isem "Alessandro Shoes" gewwa l-istess triq u post biswit il-bankina ta' quddiemu;***

***Il-Playing Field gewwa Labour Avenue, Naxxar, ma taqax fid-distanza ta' mitt metru mill-fond bl-isem Casa Buttigieg, gewwa l-istess triq.***" (enfasi tal-Qorti).

Rat ukoll it-tliet (3) sentenzi ezebiti mill-Ispettur Stephen Gatt u semghet ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud u l-Ispettur Carmelo Magri dwar l-identita' ta' Victor Buttigieg.

Ma haditx ghall-fini tar-recidiva, sentenza li dwarha xehed l-Ispettur Azzopardi in kwantu din qieghdet lil Victor Buttigieg taht Ordni ta' Probation.

**Charles Zammit** xehed illi xoghol kein bit-taxi u jikri l-karozzi. Muri r-ritrat Dok SG 12 gharaf il-vettura hemm, bhala karozza tieghu, tal-kumpanija, din kellha n-number plates LQZ142. Qal illi qabel ma spiccat fil-bitha tas-CID kienet mikrija lil Victor Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' numru 474072M.

Ezebixxa d-dokument Dok CZ – kuntratt tal-kirja (folio 40). Spjega li kien Victor Buttigieg li hallsu xi tliet (3) pagamenti - wiehed ta' mitejn u hamsin Ewro (€250); iehor ta' mitejn Ewro (€200); u iehor ta' mitejn u tmenin Ewro (€280). Kien Buttigieg li tah il-flus.

Xehdu wkoll **Victoria Scicluna** ghan-nom tal-Agenzija, kif ukoll il-Psikjatra **Dr Joseph Spiteri**.

**Dr Joseph Spiteri** xehed illi hu kien jaf lill-imputat ghax kien pazjent tieghu. Qal illi kien ibati minn sintomi ta' depression kif ukoll minn abbuz ta' sustanzi lleciti. Fiehem (fis-sena 2009), illi d-doza tieghu ta' methadone kienet wahda kbira.

Minn naha taghha **Victoria Scicluna** xehdet dwar jekk Victor Buttigieg kinx gie moghti l-permess illi jiehu l-methadone id-dar. Wiegbet illi l-methadone kellu dejjem jigi moghti u kkunsinnjat gewwa d-Detox, qalet illi l-klijent qatt ma jkollu awtorizzazzjoni li jiehu l-methadone d-dar.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, dan fis-sena 2011, inhela kif jidher mill-atti processwali, hafna zmien anke attribbwit ghan-nuqqas ta’ dehra tal-imputat, addirittura hafna seduti anke ma deher hadd. Gia’ qalet il-Qorti, illi l-Kontro Ordni harget fis-sena 2011. Anzi, ghalkemm f’Marzu tas-sena 2013 id-Difiza talbet kopja tal-process, dan kif jidher mill-verbal datat 5 ta’ Gunju, 2014, baqa’ qatt ma ngabar mid-Difiza. Il-konsegwenza – qatt ma ngabu provi in difesa, qatt ma saret trattazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk, wara hela ta’ tlitt (3) snin fejn qatt ma tressqu provi in difesa, halliet din il-kawza ghas-sentenza.

Ikkonsidrat, in konsiderazzjoni tal-fatti prodotti, u jirrizulta illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal:

- Illi kellu li flus fuqu ghax mar jixtri zarbun u ried ihallas ic-citazzjonijiet;
- Illi l-karozza li kellu f’idu kienet mikrija lil Joseph Bugeja;
- Illi l-basket mimli biz-zibel u affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga ma kinux tieghu;
- Illi meta gie arrestat ma kellu xejn f’idu;
- Illi t-tminn(8) qratas fil-foil b’eroina u l-qartas l-iehor bil-plastic bl-eroina allura mhux tieghu;
- Illi ma bieghx droga.

Issa harsa lejn il-fatti, il-Qorti tippuntwalizza li jirrizultalha li l-vettura kienet fil-fatt mikrija lil Victor Buttigieg, jirrizulta li

l-borza taz-zibel li fiha kien hemm oggetti relatati mal-abbuz tad-droga, mhux biss instabet f'din il-vettura, imma addirittura kellha fiha riferta tal-Qorti li kellha isem l-imputat. Barra minn hekk, l-imputat instab fil-pussess tal-bott tal-plastic kontenenti d-droga. Instabu oggetti relatati mad-droga fil-kamra tas-sodda tieghu, u kien hu stess illi indika l-methadone.

Frankament il-Qorti, bla tlaqlieq tqis illi Victor Buttigieg ghal kollox inveritjier.

Gravanti s-sitwazzjoni ghal Buttigieg dak li xehdu John Agius, Andrew Depasquale, Manuel Muscat u Patrick Muscat, li xehdu li xtraw l-eroina minghand l-imputat. Spjegaw kjarament kif kienu jikkomunikaw mieghu, kif saru t-transazzjonijiet, hdejn daru hdejn Villa Mdina, hdejn it-Trade Fair, dejjem in-Naxxar, ta' pakkett eroina versu l-prezz ta' ghoxrin Ewro (€20). Sahansitra Agius anke xehed illi kien ilu jixtri minghand l-imputat ghal erba' (4) darbiet.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib htija fuq l-akkuza kollha migjuba kontra tieghu, inlkuz dik ta' recidiva u l-ksur ta' Ordni ta' Probation u dan wara li rat il-GN 292/1939; LS 101.02; l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in vista' tal-ksur tal-Ordni tal-Probation, allura l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, wara anke li hadet in konsiderazzjoni r-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri dwar l-aggravju tal-mitt(100) metru, u anke wara li rat il-fedina penali tal-istess Victor Buttigieg, qieghda fuq ir-reati tad-droga, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ hames (5) snin, dan considerando l-istat tal-fedina penali tieghu, u l-fatt illi hu recidiv; kif ukoll ghal multa ta’ hamest elef Ewro (€5,000);

Tordna wkoll il-konfiska tal-flejjes misjuba fl-ammont ta’ elf tminn mija u hamsin Ewro (€1,850) misjub fuq l-imputat, in kwantu l-Qorti ma tqisx veritjiera l-verzjoni tal-imputat li l-flus tathomlu ommu, anke tenut kont tal-fatt illi sabuh fil-pussess ta’ droga.

Tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga misjuba u ghal dan l-iskop tahtar lir-Registratur tal-Qorti.

Dwar il-ksur tal-Ordni tal-Probation, barra li rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat ukoll l-Artikoli 325(c), 95, 338, 17, 49, 50, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur.

Il-Qorti, in konsiderazzjoni ta’ din il-piena, hadet ukoll rigward ghall-fatt illi Victor Buttigieg gia’ ftit xhur qabel moghti cans illi jirriforma ruhu, imma baqa’ ankrat fit-triq tal-kriminalita’;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn mitejn u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,232.63).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------